**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 7-12

**Data: 25 ta' Gunju** 2012

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 06.12 gew moqrija u approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsilliera Speranza Chircop.

2. **Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Rotta l-gdida tal-karozza tal-linja.
Il-Kunsilliera Maria Sultana ghaddiet rimarka li meta il-karozza tkun waslet fejn SmartCity din timmarka Xghajra u mhux Kalkara. Il-Kunsilliera Speranza Chircop qalet li xi nies avvicinawha u lmentaw li meta l-karozza tasal fejn il-forti Rnella, is-sewwieq tal-istess karozza jieqaf ghal ghaxar minuti fil-post u wara jkompli bir-rotta normali. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jghaddi dawn ir-rapport lil Transport Malta. Dwar il-Bus Shelter ta' Misrah Arcisqof Gonzi, ghadha ghaddejja korrispondenza kontinwa ma' Transport Malta.

2.2. Skema tad-Djar – Manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waslu l-kuntratti sabiex jigu ffirmati mill-amministraturi u wara dan ikun jista jinbeda l-process.

2.3 Gemellagg.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'Lulju ser jigu 4 studenti mill-lokalita Gemellata ghal 10t'ijiem sabiex jattendu ghall-kors tal-lingwa ingliza fil-lokalita tal-Kalkara. Dan huwa progett li l-

Kunsill ilu hafna jahdem ghalih.

2.4 Tender Street Sweeping u s-servizz tal-Bulky refuse.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru diskussjonijiet mal-Kuntrattur dwar is-servizzi msemmija u sar qbil li diment li ma jidhlux ilmenti minn residenti, l-granet tal-gbir tal-iskart goff isiru nhar ta' Tlieta u Gimgha. Dwar il-kuntratt tal-knis, is-Sindku ltaqa wkoll mal-kennies fejn gie spjegat kif ghandu jsir ix-xoghol kif ukoll il-htiega li jinqata l-haxix hazin madwar il-Kalkara.

## 3 Komunikat mis-Sindku approvazzjoni ta' xogholijiet.

3.1 Xogholijiet.

3.1a Is-Sindku qal li qeda ssir manutenzjoni fuq it-Tarag San Guzepp billi jitkahhal u b'hekk ma jibqax jitla haxix hazin. Huwa qal ukoll li nghatat ordni lill-kennies sabiex jiehu hsieb l-area msemmija b'mod partikolari mill-hmieg tal-annimali u tal-alf taghhom, dan minhabba id-diversi rapporti li dahlu minn residenti tal-madwar.

3.1b Xogholijiet ta' resurfacing ta' toroq.

Ix-xoghol ta' resurfacing minn TM fi Triq il-Genista, Triq il-Luzzu, Triq il-Kajjik issa tlesta u jonqos li jsiru is-sinjali tal-parkegg minn TM. Triq iz-Zebbug baqghet ma saretx pero minn korrispondenza bejn is-Sindku u TM dawn tal-ahhar ikkonfermaw li din ghandha ssir sal-ahhar ta' din is-sena flimkien ma parti minn Triq Ganni Raimondu u Triq Patri Mattew Sultana. Is-Sindku qal li dwar meta ser isiru Triq Santa Liberata u parti minn Triq Santu Rokku u Triq il-Missjoni Taljana, il-Kunsill Lokali ghadu ma rcieva l-ebda korrispondenza bil-miktub dwar meta ser isiru dawn it-toroq. Is-Sindku qal li ser jerga jikkuntattja lill-periti nkarigati minn dawn it-toroq fi TM u jekk jibqa ma jkun hemm l-ebda risposta konkreta issir stqarrija ghall-istampa.

3.1c Xoghol fil-Bajja ta' Rnella.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minn komunikazzjoni li huwa kellu mal-persuni responsabbli minn dan ix-xoghol, huwa nfurmat li qed jinhadmu s-slabs tal-konkos sabiex tintradam il-hofra li nfethet fil-bajja ta' Rnella kawza tal-maltempata tal-10 ta' Marzu 2012. Dwar it-tindif ta' din il-bajja s-Sindku ppropona li jsiru l-arrangamenti necessarji sabiex fejn ikun hemm bzonn jidhol il-beachcleaner overtime fil-weekends u festi sabiex ikun assigurat li l-bajja qed tinzamm nadifa. Is-Sindku qal ukoll li ghax-xhur tas-Sajf jinkera mobile toilet sabiex ikun ta' uzu minn dawk li jiffrekwentaw l-istess bajja.

3.1d Sigar fir-Rinella Housing Estates.

Is-Sindku qal li dahlu diversi rapporti li xi hadd mhux maghruf qata s-sigra tal-fecus minn taht u anke qed jinqatghu xi zebbug fl-istess area. Huwa qal li min ikollu xi nformazzjoni jghaddiha lill-Kunsill.

3.1e Xoghol fl-Isqaq l-Ixprunara.

L-permess tal-WSC hareg. Minhabba zviluppi fuq il-kwalita u l- ammonti tal-materjal li se jintuza fl-isqaqien peress li ser isir ix-xoghol fi Sqaq Marina Nru 1, u sabiex ikunu konformi

mal-permessi tal-Mepa, is-sejha se tinhareg hekk kif ikun hemm l-ispecifikazzjonijiet kollha. Ghall din ir-raguni l-periodu ta' meta tinfetah u tinghalaq is-sejha se jkun limitat ghal 15 il-gurnata.

3.1f Ghandu jibda x-xoghol sabiex jitrangaw il-konki tas-Sigar tal-Palm ta' mad-dawra tax-Xatt minhabba li hafna minnhom ghandhom hsarat estensivi.

**4. Korrispondenza.**

4.1 Talba ghan-No objection ghall-isparar tal-loghob tan-nar minn fejn Bighi mill-ghaqda tal-festa San Lawrenz tal-Birgu.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill b'laqgha li saret mill-Ispettur Frankie Sammut tal-Ghassa ta' Bormla li fiha kienu mistiedna membri mill-kazini tal-baned tal-Birgu u tal-Isla flimkien ma rapprezentanti tal-Kalkara Marina u l-Avukat taghhom. Din il-laqgha kienet marbuta mat-talba tal-hruq tan-nar ghall-festi. L-Ispettur avza lill-ghaqdiet bil-konsegwenzi li jistghu jinqalghu jekk isir il-hruq tan-nar minn Bighi. Dan minhabba li is-sena li ghaddiet saret il-hsara f'xi yachts li kienu mizmuma fil-Kalkara Boatyard. Din is-sena saret il-Kalkara Marina fejn il-puntuni ser jaslu sa fejn il-lift ta' Bighi, il-post li fih normalment jinharaq in-nar. Tal-Kalkara Marina qed jghidu li l-Insurance ma tkoprix hsarat li jsiru minn hruq tan-nar u ghalhekk huma qieghdin izommu lill-ghaqdiet responsabbli. L-ghaqdiet talbu li jersqu aktar il-gewwa minn fejn is-soltu jaharqu n-nar u b'hekk il-Kalkara Marina m'ghandiex tkun affettwata. Filwaqt li l-Kunsill jibqa jzomm il-pozizzjoni billi jibqa bil-parir li ma jinharaqx nar minn dawk l-inhawi imma huma l-Pulizija li finalment jiddeciedu ghandux jinharaq in-nar mill-post imsemmi.

4.2 Permess tal-MEPA - PA 4141/09 – Zvilupp tal-Bini tal-Wied tal-Kalkara

Dwar id-decizjoni tal-MEPA ghal dan il-permess, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-permess hareg b'certi kundizzjonijiet importanti bhal bini ta' Culverts, Gibjuni u tkabbir tal-Bufferzone. Il-blata li hemm fil-qrib ta' Triq il-Kapuccini ser tithalla ghall-ahhar fazi tal-progett wara li jsiru l-culverts imsemmija. Wahda mill-Kundizzjonijiet hija li jibdew isiru laqghat perjodikament flimkien mal-Kuntratturi, il-Kunsill Lokali u l-MEPA sabiex jigi diskuss l-andament tal-progett kif ukoll xi problemi li jistghu jigu evitati permezz ta' dawn il-laqghat. Dan kollu sabiex jigu salvagwardjati l-interessi tar-residenti.

4.3 Risposta tal-Management Letter mill-Awdituri tal-Gvern.

Giet moqrija l-management letter li ntbghatet mill-Awdituri tal-Gvern wara l-awditjar li sar minnhom ghas-sena 2011. Is-Sindku qara wkoll ir-risposta tal-Kunsill Lokali mhejjija mis-Seg Ezekuttiv flimkien mas-Sindku, u l-Kunsill qabel mar-risposta. Il-Kunsill rega qabel ukoll li fid-dawl ta' certi kummenti tal-Awdituri, ghandha tohrog is-sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' Accountant.

5. **Attivitajiet ghas-Sajf.**

5.1 Mill-attivita li saret nhar it-22 ta' Gunju 2012, li kienet attivita taz-zfin u ta' mmudellar ingabret is-somma ta' 157 ewro ghall-Puttinu Cares.

5.2 Attivita Festa Familja Puttinu Cares

Il-Programm ghal din l-attivita huwa mqassam hekk:

Il-Gimgha ser isiru sezzjonijiet taz-Zumba ghat-tfal u l-kbar miz-Zumba Instructor Graziella Buttigieg, u ssir il-Car Show.

Is-Sibt ser issir is-serata organizzata mid-DJ Kalkariz John Muscat flimkien ma Louisann. Ser ikun hemm is-Sur Alfred Kitcher li se jghamel 10 sieghat fil-bahar assistit mit-tabib Deo Debattista ghal dan l-ghan nobbli.

Il-Hadd ser issir is-serata mill-Band tal-Maestro Joe Brown pprezentata mid-DJ Kalkariz Twanny Scerri. Il-Kantanti ghal din is-serata ser ikunu Tiziana Calleja u Neville Refalo.

Il-Kumpannija Bronx ser taghti show ta' 20 minuta kull serata u offrew 120 mejda u siggu b'xejn lill-Kunsill sabiex tittella din is-serata b'risq Puttinu Cares

Is-Sindku qal li l-Press Conference ser issir l-Erbgha 11 ta' Lulju fil-11 ta' filghodu f' Misrah Arcisqof Gonzi.

## 6. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 7/12.

## 7. Aggornament

7.1 Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti:

7.1a Irrimarkat fuq ic-cint tal-plot fi Triq Santa Filumena, dan twaqqa u ma regghax tela. Is-Sindku qal li sar rapport l-ghassa tal-pulizija dwar dan ic-cint, kif ukoll saru diversi rapporti lid-Dipartiment tas-Sanita dwar il-hmieg li hemm f'din l-istess plot, li taqa responsabbilta tas-Sid tal-art.

7.1b Problema tal-parking fi Triq Santa Filumena. Hija qalet li dawk il-pots li hemm fuq il-bankina huma kbar u qed jostakolaw il-parkegg tal-karozzi. Hija ssuggeriet li dawn jitnehhew jew jsiru ftit izghar u tidjieq ftit il-bankina.

7.1c Titranga l-bankina quddiem l-iskola. Is-Sindku qal li ghandu jmur fuq il-post sabiex jara x'hemm bzonn li jsir wara li jitlesta x-xoghol fil-bandli.

7.2 Il-Vici Sindku Norbert Grech qajjem dawn il-punti:

7.2a Isir Bin tal-hadid fejn il-hanut Bighi Confectionery.

7.2b Bozza mitfija fuq arblu fi Triq Santu Rokku kantuniera ma Triq il-Missjoni Taljana.

7.2c Skips fejn il-Klabb tar-Regatta mhumiex jitbattlu kulljum. Is-Sindku qal li l-Kuntrattur huwa nfurmat u f'kaz li dan in-nuqqas jibqa jsir ghandha tinhareg Default Notice.

7.3 Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:

7.3a Tingibed l-attenzjoni lill-kennies sabiex isir aktar tindif ta' spiss mal-genb tal-Knisja.

7.3b Jerga jinzebah ir-reserved parking fi Triq is-Sibi.

Is-Seduta spiccat fit-8.00 ta' filghaxija u aggornata sine dia.

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv